Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 295/2008

**Dennis Muscat (ID 56845 M)**

**vs**

**Charles u Joyce konjugi Dimech**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elf, tmien mija, tlieta u sittin Ewro (€1863) jew somma verjuri rapprezentanti servizzi professjonali rezi mill-attur lill-konvenuti fil-perjodu ta' bejn is-sena 2003 u s-sena 2006 in konnessjoni ma' '*investment bearers'* appartenenti lill-konvenuti.

Bl-spejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju, 2007 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u l-anqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-7 ta’ Ottubru, 2008 mill-Avukat Michael Camilleri u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------